**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2016

Talba Numru: 55/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 3

**Condominium Services Limited C-39139**
**33, Triq Depiro, Sliema bhala Amministratur tal-Condominium**
**Sorriso Flats, Triq it-Turisti,**
**Bugibba**

**Vs**

**George Farrugia K.I. 798652(M)**
**Casa Farrugia, Triq Pawlu Debono, Zebbug.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fid-19 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' hames mija u sitt ewro u tlieta u tmenin centezmu (€506.83) rapprezentanti in kwantu ghal tlett mija u hamsin ewro (€350) kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-sena 2015/2016; in

kwantu ghal mitt ewro (€100) kontribuzzjonijiet tal-konvenut f'perjodi precedenti u in kwantu ghal sitta u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€56.83c) hlas ta' kont pendenti lil Automated Revenue Management Services, kollha in konnessjoni mal-Condominium Sorriso Flats, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar .

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitt ewro u tlieta u tmenin centezmu (€506.83c) bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba u cioe` mid-19 ta' Frar, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**